# JANNAR

Qegħdin f'dan iż-żmien qabel ma nidħlu fir-Randan Imqaddes. Nixtieq nerġa' nagħmel appell lil dawk kollha li għandhom f'idejhom it-trobbija u l-edukazzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ.

Mhuwiex biżżejjed li l-ulied ikunu "okkupati". Importanti li lkoll kemm aħna nfittxu l-ferħ sħiħ u li naslu li ngħixu ħajja "mimlija" b'dak kollu li jrid jagħtina Alla. L-ulied huma rigal kbir ta' Alla. Huwa importanti li ż-żgħar tagħna jibqgħu qrib tiegħU.



*L-eżempju jkaxkar.* Aħna l-edukaturi rridu aħna stess inkunu qrib il-Kelma, qrib l-Ewkaristija, inżommu programm żgħir ta' talb anke fid-dar.

Id-duttrina u l-quddiesa tal-Ħadd huma l-għejun tal-ilma li jagħtuna l-ħajja fi Kristu.

**Infakkar b'mod speċjali lill-ġenituri tat-tfal li se jagħmlu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof li ser ikollhom laqgħa nhar il-Ġimgħa 19 ta' Jannar fis-7:00pm fis-Sala Parrokkjali ta' Triq Xandriku. Il-kelliem se jkun Fr Martin Cilia MSSP.**

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## Avviżi:

**LAQGĦA TA' TALB 'DUN MIKIEL ATTARD':** nhar l-Erbgħa 17 ta' Jannar fil-knisja Bażilika tan-Nadur. Il-laqgħa se titmexxa mill-Kan. D. Reuben Micallef u fiha Dun Renato Borg ser ikellimna fuq l-esperjenza u l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel. Tibda fis-5:45pm. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li nhar il-Ħamis 18 ta' Jannar se tinżamm l-Assemblea Ġenerali fid-9:30am fid-Dar Dun Franġisk Grima, fi Triq it-Tiġrija. Il-membri tal-Għaqda mitluba jattendu.

**KORS TA' ARRANĠAMENTI BIL-FJURI:** id-Djoċesi ta' Għawdex qed torganizza kors ta' flower arrangement. Il-kors jingħata fis-27, 28 u 29 ta' Mejju li ġej. Se jsir fiċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb, mill-5:30pm sas-7:30pm. Dawk li jixtiequ jieħdu sehem għandhom jiġu għall-formola fl-Uffiċċju Parrokkjali. Min jieħu sehem jagħti donazzjoni ta' €10.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am